MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Rikors Numru. 1121/1997/1

Joseph Schembri
vs
Id-Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1987 huwa sofra ingustizzja f' li ma nghatax il-promotion li kien haqqu u kien gie trasferit.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej.

Illi huwa kien impjegat mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici fis-sena 1979 fil-grad ta' Works Manager fejn huwa kien responsabbli ghal diversi xoghlijiet li kienu saru fosthom f'diversi Housing Estates, Dar ir-Risq, il-Ground ta' Ta' Qali, u diversi postijiet ohra. Huwa dejjem ghamel

xoghlu bl-akbar sens ta' responsabbilita` u attenzjoni u qatt ma kellu rapporti hziena kontrieh.

Illi minghajr l-ebda raguni ta' xejn, fis-sena 1987, ezatt ghall-ahhar ta' Lulju mieghu bdiet sensiela ta' transfers vendikattivi (bhal meta gie trasferit lill-Water Works Department go Manoel Island) u dana kif kellu jigi pruvat waqt it-trattazjoni.

Illi minghajr qatt ma harget sejha ghall-applikazzjoni kienet nghatat promozzjoni ghal grad ta' Works Manager II lil persuna li kellha seniority u kwalifiki inqas minnu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni li kien haqqu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn hamest elef Liri Maltin (LM5,000) jew kif jiddeciedi t-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xoghlijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent mar on loan mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet fil-kariga ta' Works Manager b'effett mit-2 ta' Jannar 1979. Permezz tar-Riforma li giet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1991 fis-Settur Pubbliku, ir-rikorrent gie assimilat bhala Officer in Grade 9.

Illi r-rikorrent gie trasferit ghal mad-Dipartiment ta' l-Ilma fl-4 ta' Awwissu 1987. Hu gie trasferit lura fid-Dipartiment tax-Xoghlijiet b'effett mit-12 ta' Jannar 1994 u gie attaccjat mas-sezzjoni ta' l-Estates Management.

Illi dawn it-trasferimenti ma kienux oppressivi, ma kkagunawx sofferenza indebita lir-rikorrent u kienu bazati fuq il-principju tal-mobilita` ta' l-impjegati fis-Settur Pubbliku.

Illi l-procedura fic-Civil in generali u fid-Dipartiment tax-Xoghlijiet in partikolari dejjem kienet li kwalunkwe promozzjoni tigi effettwata wara li tkun harget sejha opportuna u eventwalment l-applikant ikun issodisfa l-kriterji prestabbiliti mill-Bord.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li kien gie sekondat mill-Malta Drydocks fl-1978 u fl-1979 lehaq Works Manager I mal-P.W.D.  Qabel l-1987 ix-xoghol tieghu kien jikkonsisti principalment fl-Electrical and Plumbing Services tad-Dipartiment tax-Xogholijiet. Semma li fl-4 ta' Awissu 1987 ha l-ewwel trasferiment ghall-Water Works Department fejn l-Inginier Curmi kien baghtu jirraporta f'Manoel Island u meta mar hemm sab dizastru anqas biss kellu post fejn ipoggi.  Kompla jghid li wara xi ftit xhur gie trasferit ghat-tieni darba ghat-Trenching Section fejn qalulu li hu kellu jkun l-Assistent tas-Sur Toledo.  Qal li hu sar jaf li l-Assistent ta' qabel kien chargeman grad ferm anqas minn tieghu.  Ghalhekk hu hassu umiljat.  Zied li poggewh inkarigat minn Gang 11 li kien wiehed difficli hafna.  Spjega li wara xi sitt xhur rega' gie trasferit ghat-tielet darba ghal Ta' Qali Pumping Station u f'Jannar 1994 gir trasferit ghar-raba' darba ghal Estate Management tad-Dipartiment tax-Xogholijiet.

Sostna li spiss kellu jaghmel xoghol li kien ta' livell inferjuri ghal grad tieghu.

Semma li saret ingustizzja ohra mieghu meta s-Sur Emanuel Buttigieg Works Manager I lahaq Works Manager II minghajr ma kien hemm l-ebda applikazzjoni fil-5 ta' April, 1991. Is-sur Buttigieg lehaq Manager I meta r-rikorrent kien ilu f'dak il-grad ghal ghaxar snin. Fl-ahharnett qal li hu jinsab f'Beltissebh fil-Construction and Maintenance Section tad-Dipartiment tax-Xogholijiet bhala Works Manager I u ilu f'din il-pozizzjoni wara 20 sena.

Esebixxa kopja tal-Gazzetta tal-Gvern tal-1987 a fol 54 fejn jidher li hu kien jaqa' taht il-Ministeru tal-Perit Michael Falzon li dak iz-zmien kienu jaqghu tahtu l-Public Works u l-Water Works. Qal li meta hu kien jahdem ma' Peter Caruana kienu ghal zmien fl-istess ufficcju mieghu fejn kien baqa' ghal madwar sentejn ma jaghmel xejn. Zied ighid li hu kien anki ressaq ilment mal-GWU li kienet kitbet lill-PSC ghar-rigward tal-hatra ta' Works Manager II, izda qatt ma nghata risposta ghal dan. Sostna li kien vittimizzat minhabba li hatnu kien il-Ministru Lorry Sant.

Xehed <u>Joseph Camilleri</u> li qal li fl-1986 kien ghamel sentejn Ta' Qali u wara sentejn gie trasferit Kordin dejjem mal-Water Works, li kien jaqa' taht il-Public Works. Qal li lir-rikorrent sar jafu meta mar Ta' Qali fejn qal li kellu erba' haddiema tahtu izda hu ma kienx wiehed minnhom. Semma li l-grad ta' Schembri kien ta' Works Manager. Qal li s-Sur Schembri kien fl-istess kamra mieghu fejn kienu tlieta min-nies u Schembri kien ghamel zmien minghajr dawn l-erba' haddiema ghalhekk kien ghamel xi zmien bla xoghol.

Xehed <u>Peter Caruana</u> li qal jiftakar li Schembri kien gie gewwa Kordin ghall-habta tal-1987/1988. Qal li hemmhekk Schembri kellu xi hamsa min-nies tahtu, hu kien Works Manager. Qal li jiftakar li s-Sur Schembri kien ghamel xi sentejn hemm.

Xehed <u>Manuel Cortis</u> Principal fil-Human Resources Section tal-Works Division li qal li r-rikorrent jidher mir-

records li r-rikorrent gie trasferit mad-Dipartiment tal-Ilma fl-4 ta' Awissu 1987 u kien mar lura mad-Dipartiment tax-Xogholijiet fit-12 ta' Jannar 1994. Semma li fir-rigward ta' trasferimenti interni ma jinzammux records. Zied ighid li mir-records jidher li r-rikorrent mindu dahal mal-Gvern s'issa qatt ma kellu promozzjoni. Semma li dak iz-zmien il-Water Works Department kien jaqa' taht id-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici.

Xehed Maurice Mizzi Senior Executive fil-Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma. Qal li qabel il-Water Works kien jifforma parti mid-Dipartiment tax-Xogholijiet u dan kien jaqa' taht l-istess Ministeru. Qal li r-rikorrent gie trasferit mal-Water Works fl-1 ta' Awissu 1987 f'diversi sezzjonijiet u qal li meta r-rikorrent gie trasferit fil-Water Works Department ir-responsabiltajiet tieghu bhala Works Manager naqsu. Zied ighid li jiftakar li r-rikorrent bejn l-1987 u l-1994 gie trasferit f'diversi sezzjonijiet izda ma jiftakarx preciz liema kienu. Qal li f'Jannar 1994 imbaghad gie trasferit lura l-Works Division.

**KONKLUZJONIJIET:**

L-ilment tar-rikorrent huwa bbazat fuq zewg aspetti u cioe` nuqqas ta' promozzjoni u trasferiment ingust.

It-Tribunal sejjer l-ewwel jezamina l-aspett tan-nuqqas ta' promozzjoni fejn ir-rikorrent jilmenta li giet moghtija promozzjoni lil persuna ohra u dan minghajr il-proceduri li suppost isiru dwar promozzjoni. Apparti l-fatt li r-rikorrent ma ghamel ebda prova dwar l-elementi ohra rigwardanti l-aspetti posittivi necessarji ghal promozzjoni u skeda komparattiva bejn ir-rikorrent u l-persuna l-ohra, it-Tribunal bil-fors josserva dak li eccepixxa l-intimat u cioe` li l-azzjoni giet diretta kontra d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici. Fir-rikors a fol 1, ir-rikorrent stqarr li persuna ohra nghatat promozzjoni "minghajr qatt ma harget sejha ghall-applikazzjoni"; dan rega' qalu fl-affidavit a fol 17; izda a fol 41 ezibit mill-istess rikorrent hemm ir-rizultat mahrug mill-Water Works Department wara WWD Circulars 40/88 u 105/88, u l-ilment tal-General Workers Union dwar ir-rikorrent fit-30 ta' Mejju 1991 bil-heading –

Works Manager I Water Works Department u fl-istess ittra jissemmew ic-cirkolarijiet 44 u 105 tal-1988.

Fir-rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, it-Tribunal qal:

"Illi r-rikors odjern huwa dirett kontra d-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Ikkunsidra li certament id-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici ma hux il-legittimu kontradittur. Infatti l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Ghalhekk certament il-kawza missa giet istitwita biss kontra d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici. Jekk id-Direttur mhux parti fil-kawza kif jista' jkun hemm sentenza fil-konfront tieghu! [ara wkoll Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]…"

Fil-kaz odjern ir-rikorrent l-ewwel stqarr li ma hargux applikazzjonijiet, wara rrizulta li hargu u cioe` l-44 u 105 tal-1988. Ma saru ebda provi dwar l-meriti komparattivi u lanqas biss jekk ir-rikorrent kienx applika. Izda l-akbar problema hu dak li saret kontra dak li tipprovdi l-ligi fl-artikolu 181B.

Ir-rikorrent jargumenta li kien hemm xejn irritwali ghax hemm provi li l-Water Works Department kien jaqa' taht l-istess Ministeru izda dan mhux dak li tghid il-ligi. Ghaldaqstant dwar il-promozzjoni jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Jibqa' li t-Tribunal jezamina t-talba l-ohra tar-rikorrent dwar t-trasferimenti. Hawn ukoll it-Tribunal ghall-istess motivi fuq imsemmija hafna minn dawn it-transfers ma jistghux jigu ezaminati ghax ma sarux mid-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici. Izda l-intimat ma ghandux ragun meta jsostni dan biex jehlisha lixxa ghax fil-fatt kien hu li ta lir-rikorrent l-ewwel transfer u cioe' dak tal-1987. L-intimat lanqas biss ipprova jiggustifika dan it-transfer.

Fil-kawza fl-ismijiet "Carmel Kitcher vs Direttur tax-Xoghiolijiet Pubblici" deciza fis-6 ta' Frar, 2001 it-Tribunal qal:

"Dan qieghed jinghad fis-sens li rikorrent li jilmenta minn transfer irid:

✓ Jispecifika minn fejn gie trasferit u ghal fejn gie trasferit;

✓ Min gie trasferit mieghu;

✓ Min u jekk giex trasferit xi hadd minfloku;

✓ Dak li gie trasferit minfloku kien jahdem fl-istess sezzjoni jew kien jaghmel xoghol differenti;

✓ Min kellu l-aktar kwalifiki, certifikati, u/jew esperjenza;

✓ Inghatat xi raguni ghala sar it-transfer; Ir-raguni spiss moghtija mill-intimati – skond l-esigenzi tas-servizz u li kuntratt tax-xoghol jippermetti l-principju tal-mobilita' tal-haddiema mhix raguni sufficjenti."

Fil-kawza fl-ismijiet "Silvio Demanuele vs Tabib Principali tal-Gvern" deciza minn dan it-Tribunal fid-29 ta' April, 1998, intqal:

"L-esigenzi tas-servizz mhix xi haga li kapriccosament tista' tuza' bhala pretest biex taghmel li trid u tittraskura d-drittijiet tal-haddiema. Jekk verament ikun hemm esigenzi tas-servizz dan jintitola lill-Gvern mal-principju tal-mobilita' tas-servizz li jsir it-trasferiment; izda dawn l-esigenzi iridu jigu ippruvati u mhux semplicement allegati." [ara wkoll George Cutajar vs Direttur tal-Agrikoltura 6/4/98]

Hawn ma nsibu ebda raguni dwar l-ewwel transfer u ghalhekk certament dan it-Tribunal ma jistax jasal ghal xi konkluzjoni li l-intimat kellu ragun meta ghamlu.

Peress li ghalhekk isib l-ilment dwar l-ewwel trasferiment gustifikat, izda jichad il-bqija tat-talbiet tar-rikorrent, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf lira [LM1000].

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------